



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Nagħmlu l-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar b'saħħtu u aktar produttiv



L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) hija impenjata li tagħmel il-postijiet tax-xogħol Ewropej aktar siguri u li jgħibu aktar 'il quddiem is-saħħa u għaldaqstant aktar produttivi. Tagħmel dan billi toħloq sensibillizzazzjoni dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol u tenfasizza l-benefiċċji ta' saħħa u sigurtà tajbin fuq il-post tax-xogħol (OSH). Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f' Bilbao, Spanja, l-EU-OSHA tippromwovi kultura ta' prevenzjoni tar-riskju. Tippromwovi informazzjoni affidabbli u rilevanti u għodda faċli għall-utent, tikkondividi prattiki tajba, u tagħmel networking ma' organizzazzjoni fl-Ewropa kollha biex ittejjeb il-kundizzjoni tax-xogħol.



Oqsma ta' priorità

Antiċipazzjoni tal-bidla

Permezz ta' proġetti ta' previżjoni u rieżamijiet esperti, l-EU-OSHA tevalwa l-effetti probabbli ta' teknoloġiji ġodda, modi ġodda ta' ħidma, u l-bidla soċjetali u ambjentali fuq is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

Fatti u ċifri

Jeħtieġ li l-fatti jkunu faċilment disponibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Għaldaqstant, l-EU-OSHA tiġbor data soda, affidabbli u aġġornata dwar l-OSH fl-Ewropa bl-użu ta' għodda bħall-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER).

L-iżvilupp ta' għodda għall-ġestjoni tal-OSH

Permezz tal-proġett tagħha ta' Valutazzjoni tar-Riskju Interattiva Online (OIRA), l-EU-OSHA tipprovdi għodod bla ħlas u faċi għall-utent li joffru għajnuna Prattika lil persuni li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-post tax-xogħol. L-EU-OSHA tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' għodod elettroniċi ġodda tal-OSH permezz tan-networking.

Sensibilizzazzjoni

Il-Kampanji tal-EU-OSHA dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa jindirizzaw kwistjonijiet ewlenin tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Isiru avvenimenti u kompetizzjonijiet fl-Ewropa kollha, jinxterdu informazzjoni u għodod prattiċi, u jiġu kondiviżi eżempji ta' Prattika tajba fuq il-post tax-

xogħol. L-EU-OSHA tikkollabora wkoll mal-Konsorzju ta' Napo biex tipproduċi serje ta' films animati u pjaċevoli li joħlqu sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Għarfien dwar in-networking

L-EU-OSHA tlaqqa' flimkien l-esperti u l-professionisti tas-sigurtà u s-saħħa, u tipprovdi pjattaforma għall-kollaborazzjoni, in-networking u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Eżempju ta' dan huwa OSHwiki — sors awtorevoli u multilingwi ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-OSH.

Ħidma fi sħubija

L-EU-OSHA hija organizzazzjoni ta' networking li tiddependi mis-sħubijiet tagħha biex twassal il-messaġġ tagħha fil-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa kollha. Is-sħab ewlenin tagħha huma l-punti fokali nazzjonali tagħha u n-networks tripartitiċi tagħhom ta' organizzazzjonijiet governattivi, tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Il-punti fokali jiġbru flimkien u jxerrdu l-informazzjoni u jippromwovu l-messaġġi tal-EU-OSHA. Kollaboraturi importanti oħra jinkludu l-istituzzjonijiet Ewropej, aġenziji u sħab soċjali oħra, in-Network Enterprise Europe, in-networks tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u s-sħab ufficiali tal-kampanja tagħna u s-sħab tal-media.

L-EU-OSHA u s-sħab tagħha jaħdmu għal postijiet tax-xogħol aktar siguri u li jġibu aktar 'il quddiem is-saħħa fl-Ewropa kollha



<https://osha.europa.eu>

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba s-sors ikun rikonossut. Għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' kwalunkwe ritratt li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EU-OSHA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Ir-ritratti u l-illustrazzjonijiet użati f'din il-pubblikazzjoni jiddekrivu firxa ta' attivitajiet ta' xogħol. Mhux bilfors juru Prattiki tajbin jew konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi.

Ritratti favur l-arloġ min-naħa ta' fuq tax-xellug: © Matej Kastelic, © Pexels.com-chevanon-photography, © IStockphoto-JackF, © Pexels.com-tima-miroshnichenko, © pixabay.com/Jacqueline Macou, © IStockphoto-Cecilie_Arcurus, © IStockphoto-simonkr, © IStockphoto-metamorworks

Traduzzjoni pprovdata miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

